# Meta Twelidt...

MINN

PAWLU MIFSUD

Jgħidli missieri
li meta twelidt jiena
għamlet xita bla ħniena
u ħa tixriba sewwa,
għax mexa minn Ħ'Attard sar-raħal tagħna
joħlom bir-risq u l-ferħ u l-kenn ta' ġewwa.

U tgħidli ommi
li kienet ir-rebbiegħa,
u tgħaxxqet dik is-siegħa
għax kont l-ewwel tarbija;
w għalkemm warajja kellh'erbatax oħra
naħseb li l-akbar għożża r'fgħatha għalija.

Jgħiduli huma
li qablu xi jsemmuni
w isem in-nanna jtuni
biex hekk jibqa' ħjiel tagħha:
kienet, Alla jaħfrilha, mara twajba,
tħobb 'l Alla w'il kulħadd b'kemm kellha saħħa.

Ngħidilkom jiena
li f'dik l-għodwa t'April —
ilu issa żmien twil —
kont bkejt xi żewġ bikjiet,
'mma kien biki ta' l-anġli mingħajr dnewwa;
illum mifni bl-imrar u nibqa' kwiet.

NOTA: Din il-poeżija nkitbet f'egħluq id-39 sena ta' ħajt ili ħabat il-Ħamis 27/4/67.